MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Numru. 236/2008

Il-Pulizija
(Sp Nikolai Sant u Sp Sandra Zammit)
vs
Helenio Pace, ibenMario, imwieled Pieta’ fis-26 ta’ jannar, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f’dawn il-Gżejjer, fit-8 ta’ frar, 2008 u f’dawn l-aħħar sitt xhur ta’ qabel din id-data kkometta serq minn ġewwa l-fond bl-isem ta’ Warehouse Stefan ‘4’ ġewwa Triq Gwann Mamo, l-Iklin għad-dannu ta’ Christopher Gauci liema serq hu aggravat bil-valur, bil-lok u bil-mezz;
2. talli matul l-istess dati, lok u ċirkostanżi xjentement b’kull mod indaħal sabiex ibiegħ jew imexxi ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat fil-Gżejjer Maltin.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' april, 2008 fejn l-imputat ammetta l-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 267, 269(g), u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Rat il-fedina penali netta ta' l-imputat, l-ammissjoni bikrija tiegħu, il-fatt li qed isegwi program għar-riabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tax-xorb, il-fatt li l-familja tiegħu qed isegwih fil-ħajja tiegħu u li qed jaħdem bi profit. Tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------